JOINT COMMITTEE OF THE EUROPEAN SUPERVISORY AUTHORITIES

JC/GL/2017/16

16/01/2018

# Linji Gwida Finali

Linji Gwida Konġunti skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2015/847 dwar il-miżuri li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jieħdu biex tinstab informazzjoni nieqsa jew mhux kompluta dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju, u l-proċeduri li għandhom jistabbilixxu biex jimmaniġġjaw trasferiment ta' fondi li ma jkollux l-informazzjoni meħtieġa.

# Linji Gwida Konġunti skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2015/847 dwar il-miżuri li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jieħdu biex tinstab informazzjoni nieqsa jew mhux kompluta dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju, u l-proċeduri li għandhom jistabbilixxu biex jimmaniġġjaw trasferiment ta' fondi li ma jkollux l-informazzjoni meħtieġa.

## Status ta' dawn il-linji gwida konġunti

Dan id-dokument fih linji gwida konġunti maħruġa skont l-Artikoli 16 u 56, is-subparagrafu 1, tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE; ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol); u r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq): 'ir-Regolamenti dwar l-ASE'. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti dwar l-ASE, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex ikunu konformi mal-linji gwida.

Il-linji gwida konġunti jistabbilixxu l-fehma tal-ASE fir-rigward tal-prattiki superviżorji adegwati fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar il-mod kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida konġunti għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida konġunti huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Obbligi ta' rapportar

Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolamenti dwar l-ASE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ASE rispettiva jekk humiex konformi jew jekk humiex biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida Konġunti, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 16.03.2018 (xahrejn wara l-ħruġ). Fin-nuqqas ta' notifika sa din l-iskadenza, l-ASE rispettiva ser tqis lill-awtoritajiet kompetenti bħala nonkonformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu lil [compliance@eba.europa.eu, compliance@eiopa.europa.eu u compliance@esma.europa.eu] bir-referenza 'JC/GL/2017/16'. Mudell għan-notifiki huwa disponibbli fuq is-siti web tal-ASE. In-notifiki għandhom jiġu ppreżentati minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-siti elettroniċi tal-ASE, skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ASE.

# Titolu I — Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lil:

    a) fornituri ta' servizzi ta' pagament (PSPs) kif definiti fil-punt (5) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/847 fejn jaġixxu bħala l-PSP tal-benefiċjarju, u fornituri intermedjarji ta' servizzi ta' pagament (IPSPs) kif definiti fil-punt (6) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/847; u

    b) awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-PSPs u tal-IPSPs għall-konformità mal-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2015/847.

2. Dawn il-linji gwida:

    a) jistabbilixxu l-fatturi li l-PSPs u l-IPSPs għandhom iqisu meta jistabbilixxu u jimplimentaw proċeduri għall-identifikazzjoni u għall-immaniġġjar ta' trasferimenti ta' fondi li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u/jew il-benefiċjarju biex jiġi żgurat li dawn il-proċeduri jkunu effettivi; u

    b) jispeċifikaw dak li l-PSPs u l-IPSPs għandhom jagħmlu biex jimmaniġġjaw ir-riskju ta' ħasil tal-flus (ML) jew ta' finanzjament tat-terroriżmu (TF) meta l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u/jew il-benefiċjarju tkun nieqsa jew mhux kompluta.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw dawn il-linji gwida meta jivvalutaw l-adegwatezza tal-proċeduri u tal-miżuri adottati mill-PSPs u mill-IPSPs biex jikkonformaw mal-Artikoli 7, 8, 11 u 12 tar-Regolament (UE) 2015/847.

4. Barra minn hekk il-PSPs, l-IPSPs u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw dawn il-linji gwida biex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikoli 9 u 13 tar-Regolament (UE) 2015/847.

5. Il-fatturi u l-miżuri deskritti f'dawn il-linji gwida mhumiex eżawrjenti. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom iqisu fatturi u miżuri oħra kif xieraq.

6. Dawn il-linji gwida ma japplikawx għal miżuri restrittivi imposti minn regolamenti bbażati fuq l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bħar-Regolamenti (KE) Nru 2580/2001, (KE) Nru 881/2002 u (UE) Nru 356/2010 ('ir-reġim tas-sanzjonijiet Ewropej').

## Definizzjonijiet

7. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva (UE) 2015/847 u fir-Regolament (UE) għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

   a) 'awtoritajiet kompetenti' tfisser l-awtoritajiet responsabbli biex jiżguraw il-konformità tal-PSPs u tal-IPSPs mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2015/847;

   b) 'riskju' tfisser l-impatt u l-probabbiltà li jseħħ ML/TF;

   c) 'fatturi ta' riskju' tfisser varjabbli li, jew waħedhom jew flimkien, jistgħu jżidu jew inaqqsu r-riskju ta' ML/TF ippreżentat minn relazzjoni ta' negozju individwali, minn tranżazzjoni okkażjonali jew minn trasferiment ta' fondi;

   d) 'approċċ ibbażat fuq ir-riskju' tfisser approċċ li fih l-awtoritajiet kompetenti, il-PSP u l-IPSP jidentifikaw, jivvalutaw u jifhmu r-riskji ta' ML/TF li għalihom huma esposti l-PSP u l-IPSP u jieħdu miżuri ta' AML/CFT li huma proporzjonati ma' dawk ir-riskji;

   e) 'informazzjoni nieqsa' tfisser informazzjoni dwar il-pagatur jew dwar il-benefiċjarju kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2015/847 li ma tkunx ingħatat;

   f) 'informazzjoni mhux kompluta' tfisser informazzjoni dwar il-pagatur jew dwar il-benefiċjarju kif meħtieġ mir-Regolament (UE) 2015/847 li tkun ingħatat biss parzjalment;

   g) 'monitoraġġ f'ħin reali' tirreferi għall-monitoraġġ li jkun sar:

      i) qabel ma l-fondi jiġu kkreditati lill-kont tal-pagamenti tal-benefiċjarju mal-PSP tal-benefiċjarju,

      ii) meta l-benefiċjarju ma jkollux kont tal-pagamenti mal-PSP tal-benefiċjarju, qabel ma l-fondi jsiru disponibbli għall-benefiċjarju mill-PSP li jirċievi l-fondi jew

      iii) meta l-PSP ikun IPSP, qabel ma l-IPSP jittrasferixxi l-fondi f'isem il-PSP tal-pagatur jew ta' IPSP ieħor;

   h) 'monitoraġġ ex-post' tirreferi għall-monitoraġġ li jkun sar:

      i) wara li l-fondi jkunu ġew ikkreditati lill-kont tal-pagamenti tal-benefiċjarju mal-PSP tal-benefiċjarju,

      ii) meta l-benefiċjarju ma jkollux kont tal-pagamenti mal-PSP tal-benefiċjarju, wara li l-fondi jkunu saru disponibbli għall-benefiċjarju mill-PSP tal-benefiċjarju, jew trażmessi mill-IPSP jew

iii) meta l-PSP ikun IPSP, wara li l-IPSP ikun ittrasferixxa l-fondi f'isem il-PSP tal-pagatur jew ta' IPSP ieħor.

# Titolu II - L-identifikazzjoni ta' informazzjoni nieqsa u l-immaniġġjar ta' trasferimenti ta' fondi b'informazzjoni nieqsa

## KAPITOLU I: Kunsiderazzjonijiet ġenerali

### It-twaqqif ta' obbligi skont ir-Regolament (UE) 2015/847

8. Għal kull trasferiment ta' fondi PSP għandu jistabbilixxi jekk ikunx qiegħed jaġixxix bħala l-PSP tal-pagatur, bħala l-PSP tal-benefiċjarju jew bħala IPSP. Dan għandu jiddetermina liema informazzjoni għandha takkumpanja trasferiment ta' fondi u l-passi li l-PSP jew l-IPSP għandu jieħu biex jikkonforma mar-Regolament (UE) 2015/847.

### Debiti diretti

9. Fejn trasferiment ta' fondi jkun debitu dirett kif definit fil-punt (9)(b) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/847, il-PSP tal-benefiċjarju għandu jibgħat l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u dwar il-benefiċjarju lill-PSP tal-pagatur bħala parti mill-ġbir tad-debitu dirett. Imbagħad il-PSP tal-benefiċjarju u l-IPSP jistgħu jassumu li r-rekwiżiti ta' informazzjoni fil-punt (2) u (4) tal-Artikolu 4 u l-punti (1) u (2) tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2015/847 ikunu sodisfatti.

### L-applikazzjoni ta' derogi u ta' eżenzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/847

10. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2015/847 fir-rigward tat-trasferimenti kollha ta' fondi li talanqas parti minnhom isiru b'mezzi elettroniċi u irrispettivament mis-sistema ta' messaġġi jew ta' pagament u saldu użata, sakemm ir-Regolament (UE) 2015/847 ma jistabbilixxix eżenzjonijiet u derogi.

11. Biex japplikaw dawn l-eżenzjonijiet u derogi, il-PSPs u l-IPSPs għandu jkollhom sistemi u kontrolli fis-seħħ biex jiġi żgurat li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet għal dawn l-eżenzjonijiet u derogi. PSPs u IPSPs li ma jkunux jistgħu jistabbilixxu s-sodisfar tal-kundizzjonijiet għal dawn l-eżenzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2015/847 fir-rigward tat-trasferimenti kollha ta' fondi.

    *L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2015/847*

12. Sabiex tiġi applikata d-deroga fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2015/847:

    a) il-PSPs tal-benefiċjarju għandhom ikunu jistgħu jiddeterminaw li l-PSP tal-pagatur huwa bbażat fl-Unjoni jew fi Stat Membru taż-ŻEE; u

    b) l-IPSPs għandhom ikunu jistgħu jiddeterminaw li l-PSP tal-pagatur u l-PSP tal-benefiċjarju huma bbażati fl-Unjoni jew fi Stat Membru taż-ŻEE.

13. Jekk pajjiżi jkunu jagħmlu parti miż-Żona Unika ta' Pagamenti f'Euro (SEPA) iżda ma jkunux ukoll Stati Membri tal-Unjoni jew taż-ŻEE, il-PSPs u l-IPSPs għandhom jittrattawhom bħala

pajjiżi terzi. Fejn Stat Membru jkun ikkonkluda ftehim bilaterali ma' pajjiż terz jew ma' territorju barra mill-Unjoni skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2015/847, il-PSPs u l-IPSPs f'dak l-Istat Membru jistgħu jittrattaw it-trasferimenti ta' fondi minn jew lejn dak il-pajjiż terz jew territorju bħala trasferimenti ta' fondi domestiċi.

*L-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2015/847*

14. Meta japplikaw l-eżenzjoni fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2015/847, il-PSPs u l-IPSPs għandhom jiżguraw li t-trasferiment tal-fondi jkun akkumpanjat min-numru tal-kard, tal-istrument jew tal-apparat diġitali, pereżempju n-Numru tal-Kont Primarju (PAN), u li n-numru jingħata b'tali mod li jippermetti li t-trasferiment jiġi traċċat lura lill-pagatur.

15. Fejn il-kard, l-istrument jew l-apparat jista' jintuża kemm għal trasferimenti ta' fondi bejn persuni kif ukoll għal pagamenti għal oġġetti jew servizzi, il-PSPs u l-IPSPs ikunu jistgħu japplikaw din l-eżenzjoni biss jekk ikunu jistgħu jiddeterminaw li t-trasferiment ta' fondi mhuwiex trasferiment ta' fondi bejn persuni, iżda li minflok jikkostitwixxi pagament għal oġġetti jew servizzi.

*L-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament (UE) 2015/847*

16. Sabiex japplikaw ir-regoli fl-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament (UE) 2015/847 relatati mat-trasferimenti ta' fondi li ma jaqbżux l-EUR 1 000, il-PSPs u l-IPSPs għandu jkollhom politiki u proċeduri fis-seħħ biex jiġu identifikati trasferimenti ta' fondi li jidhru li huma marbutin. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jittrattaw it-trasferimenti ta' fondi bħala marbutin jekk dawn it-trasferimenti tal-fondi jkunu qegħdin jintbagħtu:

    a) mill-istess kont tal-pagamenti lill-istess kont tal-pagamenti, jew, meta t-trasferiment ma jsirx lejn jew minn kont tal-pagamenti, mill-istess pagatur lill-istess benefiċjarju; u

    b) fuq perjodu ta' żmien qasir u raġonevoli, li għandu jiġi stabbilit mill-PSP b'mod li jkun proporzjonat mar-riskju ta' ML/TF li għalih ikun espost in-negozju tagħhom.

17. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jiddeterminaw jekk xenarji oħra jistgħux iwasslu wkoll għal tranżazzjonijiet marbutin, u jekk iva, jirriflettu dawn fil-politiki u fil-proċeduri tagħhom.

## Proporzjonalità u valutazzjonijiet tar-riskju fin-negozji kollha

18. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom iwaqqfu u jżommu politiki u proċeduri effettivi biex jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2015/847. Dawn il-politiki u l-proċeduri għandhom ikunu proporzjonati man-natura, mad-daqs u mal-kumplessità tan-negozju tal-PSP jew tal-IPSP, u proporzjonati mar-riskju ta' ML/TF li għalih il-PSP jew l-IPSP huwa espost bħala riżultat ta':

    a) it-tip ta' klijenti li lilhom jipprovdi servizz;

    b) in-natura tal-prodotti u tas-servizzi li jipprovdi;

    c) il-ġurisdizzjonijiet li fihom jipprovdi servizz;

d) il-kanali ta' konsenja li juża;

e) l-għadd ta' PSPs u ta' IPSPs li regolarment jonqsu milli jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur u l-benefiċjarju;

f) il-kumplessità tal-ktajjen ta' pagamenti li fihom jintervjeni bħala riżultat tal-mudell tan-negozju tiegħu; u

g) il-volum u l-valur tat-tranżazzjonijiet li jipproċessa.

19. Meta jivvalutaw ir-riskju ta' ML/TF li għalih huma esposti, il-PSPs u l-IPSPs għandhom jirreferu għal-'Linji Gwida Konġunti skont l-Artikolu 17 u 18(4) tad-Direttiva (UE) 2015/849 dwar diliġenza dovuta simplifikata u mtejba tal-klijenti u l-fatturi li l-istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji għandhom iqisu meta jivvalutaw ir-riskju ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu assoċjat ma' relazzjonijiet kummerċjali individwali u tranżazzjonijiet okkażjonali' tal-ESA (il-Linji Gwida dwar il-Fatturi ta' Riskju).[1]

## Politiki u proċeduri

20. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jiżguraw li l-politiki u l-proċeduri tagħhom:

a) jistabbilixxu b'mod ċar:

i) liema kriterji jużaw biex jiġi determinat jekk is-servizzi u l-istrumenti ta' ħlas tagħhom jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/847,

ii) liema servizzi u strumenti ta' pagament tagħhom jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/847 u dawk li le,

iii) liema trasferimenti ta' fondi għandhom jiġu mmonitorjati f'ħin reali u liema trasferimenti ta' fondi jistgħu jiġu mmonitorjati fuq bażi ex-post, u għaliex,

iv) l-obbligi tal-membri tal-persunal meta jidentifikaw li l-informazzjoni mitluba mir-Regolament (UE) 2015/847 hija nieqsa u l-proċessi li għandhom isegwu u

v) liema informazzjoni relatata mat-trasferimenti ta' fondi għandha tiġi rreġistrata, il-mod kif din l-informazzjoni għandha tiġi rreġistrata, u fejn;

b) huma approvati mill-maniġment superjuri tal-PSP jew tal-IPSP, kif definit fil-punt (12) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849;

[1] https://esas-joint-committee.europa.eu/Pages/Guidelines/Joint-Guidelines-on-Risk-Factors.aspx

c) huma disponibbli għall-membri tal-persunal rilevanti kollha, inklużi persuni responsabbli għall-ipproċessar tat-trasferimenti ta’ fondi; il-PSPs u l-IPSPs għandhom jiżguraw li l-membri tal-persunal rilevanti kollha jkunu mħarrġa kif xieraq fl-applikazzjoni ta’ dawn il-politiki u l-proċeduri; u

d) jiġu riveduti regolarment, jiġu mtejba fejn meħtieġ u jinżammu aġġornati. Il-PSPs jistgħu jibbażaw fuq politiki u proċeduri eżistenti biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2015/847 fejn possibbli.

## KAPITOLU II: Obbligi fuq l-IPSPs u l-PSPs tal-benefiċjarju

### Kontrolli dwar karattri jew inputs ammissibbli
### (l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2015/847)

21. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jimmonitorjaw it-trasferimenti ta’ fondi biex jiġi identifikat jekk il-karattri jew l-inputs użati biex jipprovdu informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju jikkonformawx jew le mal-konvenzjonijiet tas-sistema ta’ messaġġi jew ta’ pagament u saldu li ntużat għall-ipproċessar tat-trasferiment tal-fondi.[2] Dawn il-kontrolli għandhom isiru f’ħin reali.

22. Il-PSPs u l-IPSPs jistgħu jassumu li huma konformi mal-punt (1) tal-Artikolu 7 u mal-punt (1) tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/847 rispettivament jekk ikunu sodisfatti u jistgħu juru lill-awtorità kompetenti tagħhom, li jifhmu r-regoli ta’ validazzjoni tas-sistema ta’ messaġġi jew ta’ pagament u saldu u li l-konvenzjonijiet ta’ dik is-sistema jfissru li:

    a) fiha l-attributi kollha meħtieġa biex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa mir-Regolament (UE) 2015/847. Pereżempju, il-PSPs u l-IPSPs jistgħu jittrattaw in-Numru tal-Kont Bankarju Internazzjonali (IBAN) jew, fejn it-trasferiment tal-fondi jsir permezz ta’ kard tal-ħlas, in-numru ta’ dik il-kard (pereżempju l-PAN) bħala n-numru tal-kont tal-pagamenti sakemm in-numru użat jippermetti li t-trasferiment tal-fond jiġi traċċat lura lill-pagatur jew lill-benefiċjarju;

    b) awtomatikament twaqqaf li jintbagħtu jew li jiġu aċċettati trasferimenti ta’ fondi fejn jinstabu karattri jew inputs inammissibbli; u

    c) tiġbed l-attenzjoni għal trasferimenti ta’ fondi rifjutati għal reviżjoni u pproċessar manwali.

23. Fejn is-sistema ta’ messaġġi, jew ta’ pagament u saldu ta’ PSP jew ta’ IPSP ma tissodisfax il-kriterji kollha stabbiliti fil-punt 22 ta’ dawn il-linji gwida, il-PSP jew l-IPSP għandu jwaqqaf kontrolli sabiex jitnaqqsu n-nuqqasijiet.

### Kontrolli dwar informazzjoni nieqsa
### (l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2015/847)

*Proċeduri effettivi*

24. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jimplimentaw proċeduri effettivi biex jiġi identifikat jekk l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju hijiex nieqsa.[3]

25. Sabiex ikunu effettivi, dawn il-proċeduri għandhom

    a) jippermettu lill-PSP jew lill-IPSP jidentifikaw informazzjoni bla sens;

    b) jużaw taħlita ta’ monitoraġġ f’ħin reali u monitoraġġ ex-post; u

[2] L-Artikoli 7(1) u 11(1) tar-Regolament (UE) 2015/847.
[3] L-Artikoli 7(2) u 11(2) tar-Regolament (UE) 2015/847.

c) jiġbdu l-attenzjoni tal-PSP jew tal-IPSP dwar indikaturi ta’ riskju għoli.

*Informazzjoni bla sens*

26. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jittrattaw informazzjoni bla sens bħallikieku kienet informazzjoni nieqsa. Eżempji ta’ informazzjoni bla sens jinkludu sensiela ta’ karattri każwali (eż. ‘xxxxx’ jew ‘ABCDEFG’) jew deżinjazzjonijiet li kjarament ma jagħmlu ebda sens (eż. ‘Oħrajn’, jew ‘Klijent Tiegħi’), anki jekk din l-informazzjoni tkun ingħatat permezz ta’ karattri jew inputs skont il-konvenzjonijiet tas-sistema ta’ messaġġi jew ta’ pagament u saldu.

27. Fejn PSPs jew IPSPs jużaw lista ta’ termini bla sens komunement misjuba, għandhom jirrevedu perjodikament din il-lista biex jiġi żgurat li tibqa' rilevanti.F’dawk il-każijiet, mhuwiex mistenni li l-PSPs jew l-IPSPs jirrevedu t-tranżazzjonijiet b’mod manwali biex jidentifikaw informazzjoni bla sens.

*Monitoraġġ f’ħin reali u ex-post*

28. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jirreferu għall-fatturi ta’ riskju speċifikati fil-punt 18 biex jiżguraw li l-approċċ tagħhom għall-monitoraġġ, inkluż il-livell u l-frekwenza tal-monitoraġġ ex-post u f’ħin reali, huwa proporzjonat mar-riskju ta’ ML/TF li għalih huma esposti. Bħala parti minn dan, il-PSPs u l-IPSPs għandhom jiddeterminaw liema fatturi ta’ riskju għoli, jew taħlita ta’ fatturi ta’ riskju għoli, dejjem ser iwasslu għal monitoraġġ f’ħin reali, u liema ser iwasslu għal reviżjoni ex-post immirata (ara wkoll il-punt 30). F’każijiet ta’ tħassib speċifiku, it-trasferimenti ta’ fondi għandhom dejjem jiġu mmonitorjati f’ħin reali.

29. Minbarra monitoraġġ f’ħin reali u ex-post immirat fil-punt 28, il-PSPs u l-IPSPs għandhom iwettqu b’mod regolari reviżjonijiet ex-post fuq kampjun aleatorju meħud mit-trasferimenti ta’ fondi kollha proċessati.

*Indikaturi ta’ riskju għoli*

30. Is-sistemi tal-PSPs u tal-IPSPs għandhom ikunu konfigurati b’tali mod li jiskattaw twissijiet jekk jinstab indikatur ta’ riskju għoli. Indikaturi ta’ riskju għoli jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

a) trasferimenti ta’ fondi li jaqbżu limitu ta’ valur speċifiku. Meta jiddeċiedu dwar il-limitu, il-PSPs u l-IPSPs għandhom talanqas iqisu l-valur medju tat-tranżazzjonijiet li normalment jipproċessaw u x’jikkostitwixxi tranżazzjoni abnormalment kbira, filwaqt li jqisu l-mudell kummerċjali partikolari tagħhom;

b) trasferimenti ta’ fondi fejn il-PSP tal-pagatur jew il-PSP tal-benefiċjarju huwa bbażat f’pajjiż assoċjat ma’ riskju għoli ta’ ML/TF, inkluż, iżda mhux limitat għal, pajjiżi identifikati bħala ta’ riskju għoli mill-Kummissjoni Ewropea skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849. Meta jidentifikaw pajjiżi assoċjati ma’ riskju għoli ta’ ML/TF, il-PSPs u l-IPSPs għandhom iqisu l-Linji Gwida dwar il-Fatturi ta’ Riskju tal-ASE;

c) rekord negattiv ta’ konformità mal-AML/CFT tal-IPSP jew tal-PSP tal-pagatur, skont min ikun il-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti;

d) trasferimenti ta' fondi minn PSP jew minn IPSP identifikat bħala li jonqos ripetutament ripetuti milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur mingħajr raġuni valida (ara l-punti 47-55), jew minn PSP jew IPSP li huwa magħruf li f'għadd ta' okkażjonijiet fil-passat kien naqas milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur jew dwar il-benefiċjarju mingħajr raġuni valida, anki jekk dan in-nuqqas ma kienx wieħed ripetut;

e) trasferimenti ta' fondi fejn l-isem tal-pagatur jew tal-benefiċjarju huwa nieqes.

### Immaniġġjar ta' trasferimenti ta' fondi b'informazzjoni nieqsa, jew b'karattri jew inputs inammissibbli
### (l-Artikolu 8 u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2015/847)

31. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jistabbilixxu proċeduri effettivi bbażati fuq ir-riskju biex jiddeterminaw jekk għandhomx iwettqu, jirrifjutaw jew jissospendu trasferiment ta' fondi fejn il-monitoraġġ f'ħin reali jiżvela li l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur jew dwar il-benefiċjarju hija nieqsa jew tkun ingħatat bl-użu ta' karattri jew inputs inammissibbli.

32. Sabiex jiddeterminaw jekk għandhomx iwettqu, jirrifjutaw jew jissospendu trasferiment ta' fondi f'konformità mal-Artikoli 8 u 12 tar-Regolament (UE) 2015/847, il-PSPs u l-IPSPs għandhom iqisu r-riskju ta' ML/TF assoċjat ma' dak it-trasferiment ta' fondi qabel jiddeċiedu dwar l-azzjoni xierqa. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom iqisu b'mod partikolari jekk:

   a) it-tip ta' informazzjoni nieqsa tqajjimx tħassib dwar ML/TF; u

   b) ikunx ġie identifikat indikatur wieħed jew aktar ta' riskju għoli li jistgħu jissuġġerixxu li t-tranżazzjoni tippreżenta riskju għoli ta' ML/TF jew tqajjem suspett ta' ML/TF (ara l-punt 30).

   Fejn, f'konformità mal-punt 28 ta' dawn il-linji gwida l-PSPs jew l-IPSPs ikunu ħadu deċiżjoni sensittiva għar-riskju sabiex jimmonitorjaw it-trasferimenti ta' fondi ex post, għandhom isegwu l-gwida fil-punti 40-43.

   *Il-PSP jew l-IPSP jirrifjuta t-trasferiment*

33. Fejn PSP jew IPSP jiddeċiedi li jirrifjuta trasferiment ta' fondi, ma għandux għalfejn jitlob għall-informazzjoni nieqsa iżda għandu jaqsam ir-raġuni għar-rifjut mal-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti.

   *Il-PSP jew l-IPSP jissospendi t-trasferiment*

34. Fejn PSP jew IPSP jiddeċiedi li jissospendi t-trasferiment ta' fondi, għandu jinnotifika lill-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti li t-trasferiment tal-fondi ġie sospiż u jitlob lill-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti biex jipprovdi l-informazzjoni nieqsa dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju, jew sabiex jipprovdi dik l-informazzjoni bl-użu ta' karattri jew inputs ammissibbli.

35. Meta jitlob l-informazzjoni nieqsa, il-PSP jew l-IPSP għandu jistabbilixxi skadenza raġonevoli għall-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti sa meta għandha tingħata l-informazzjoni.

Normalment din l-iskadenza ma għandhiex taqbeż tlitt ijiem ta’ xogħol għat-trasferimenti ta’ fondi li jsiru fiż-ŻEE, u ħamest ijiem ta’ xogħol għat-trasferimenti ta’ fondi minn barra ż-ŻEE. Meta l-katini tal-pagamenti jkunu aktar kumplessi jista' jkun hemm bżonn ta’ skadenzi itwal.

36. Il-PSPs jew l-IPSPs għandhom iqisu l-possibilità li jibagħtu tfakkira lill-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti jekk ma tasalx l-informazzjoni mitluba. Bħala parti minn dan, PSP jew IPSP jista' jiddeċiedi li javża lill-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti li, jekk l-informazzjoni meħtieġa ma tasalx qabel skadenza addizzjonali, il-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti jista’ jkun soġġett għal monitoraġġ intern għal riskju għoli (ara l-punt 30) u jiġi ttrattat bħala li jkun naqas ripetutament, kif stabbilit fil-punt (2) tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/847.

37. Fejn l-informazzjoni mitluba ma tingħatax sal-iskadenza stabbilita, il-PSP jew l-IPSP għandu, f’konformità mal-politiki u mal-proċeduri tiegħu bbażati fuq ir-riskju:

a) jiddeċiedi jekk jirrifjutax jew iwettaqx it-trasferiment;

b) iqis jekk in-nuqqas tal-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti li jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa jqajjimx suspett jew le; u

c) iqis it-trattament futur tal-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti għal finijiet ta’ konformità mal-AML/CFT.

38. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jiddokumentaw u jirreġistraw dawn l-azzjonijiet kollha u r-raġuni għall-azzjonijiet jew għan-nuqqas ta’ azzjoni tagħhom, sabiex aktar ’il quddiem ikunu jistgħu jwieġbu għal talbiet possibbli mill-awtoritajiet kompetenti għal informazzjoni dwar il-konformità ma’ atti legalment vinkolanti tal-Unjoni, pereżempju fejn, bħala riżultat tal-azzjonijiet meħuda skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/847, il-PSP jew l-IPSP ma jkunx seta’ jikkonforma mal-obbligi rilevanti fl-Artikoli 83 u 84 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 kif inkorporati fil-qafas legali nazzjonali applikabbli.

### *Il-PSP jew l-IPSP iwettaq it-trasferiment*

39. Meta PSP jew IPSP iwettaq it-trasferiment ta’ fondi, jew jiskopri ex-post li l-informazzjoni mitluba kienet nieqsa jew tkun ġiet ipprovduta b’karattri inammissibbli, għandu jitlob lill-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti biex jipprovdi l-informazzjoni nieqsa dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju, jew li jipprovdi dik l-informazzjoni bl-użu ta’ karattri jew inputs ammissibbli wara li jkun sar it-trasferiment.

40. Jekk waqt li jkun qed iwettaq monitoraġġ f’ħin reali PSP jew IPSP jiskopri li l-informazzjoni meħtieġa hija nieqsa, iżda wara li jkun qies ir-riskji rilevanti kollha jiddeċiedi li jwettaq it-trasferiment ta’ fondi, għandu jiddokumenta r-raġuni għat-twettiq ta’ dak it-trasferiment.

41. Meta jitlob l-informazzjoni nieqsa, il-PSP jew l-IPSP għandu jipproċedi skont il-punt 36 ta’ dawn il-linji gwida.

42. Fejn l-informazzjoni mitluba ma tingħatax fil-perjodu ta’ żmien stabbilit mill-PSP jew mill-IPSP, il-PSP jew l-IPSP għandu, f’konformità mal-politiki u mal-proċeduri tiegħu bbażati fuq

ir-riskju, iqis it-trattament futur tal-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti għal finijiet ta' konformità mal-AML/CFT.

43. Il-PSP jew l-IPSP għandu jiddokumenta u jirreġistra dawn l-azzjonijiet kollha u r-raġuni għall-azzjonijiet jew għan-nuqqas ta' azzjoni tagħhom, sabiex aktar tard ikun kapaċi jwieġeb għal talbiet possibbli tal-awtoritajiet.

### Identifikazzjoni u rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi (l-Artikolu 9 u l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2015/847)

44. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jivvalutaw jekk trasferiment ta' fondi huwiex suspettuż jew le, filwaqt li jitqies kwalunkwe kriterju stabbilit fid-dritt tal-Unjoni, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u fil-politiki u fil-proċeduri interni tagħhom dwar l-AML/CFT.

45. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jinnotaw li informazzjoni nieqsa jew inammissibbli, waħedha, ma tistax tqajjem suspett ta' ML/TF. Meta jkun qiegħed iqis jekk trasferiment ta' fondi jqajjimx suspett jew le, il-PSP jew l-IPSP għandu jqis b'mod olistiku l-fatturi ta' riskju kollha ta' ML/TF assoċjati mat-trasferiment ta' fondi, inklużi dawk elenkati fil-punt 30, safejn dawn ikunu magħrufa, u jagħti attenzjoni partikolari lit-trasferimenti ta' fondi li x'aktarx jippreżentaw riskju ogħla ta' ML/TF.

46. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom ikunu kapaċi juru li huma konformi mad-dritt tal-Unjoni u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali direttament applikabbli fil-qasam tal-AML/CFT. F'xi każijiet, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' teżiġi li jieħdu azzjoni addizzjonali, pereżempju r-rapportar ta' tranżazzjonijiet mhux tas-soltu li jistgħu ma jqajmux suspett ta' ML/TF.

### Nuqqasijiet ripetuti minn PSPs jew minn IPSPs u l-passi li għandhom jittieħdu (l-Artikolu 8(2) u l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2015/847)

*Meta PSP jew IPSP jitqies li jkun 'naqas ripetutament' milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa?*

47. Il-PSPs u l-IPSPs għandhom jistabbilixxu politiki u proċeduri għall-identifikazzjoni ta' PSPs u ta' IPSPs li jonqsu ripetutament milli jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju.

48. Għal dan il-għan, il-PSPs u l-IPSPs għandhom iżommu rekord tat-trasferimenti kollha ta' fondi b'informazzjoni nieqsa sabiex ikunu jistgħu jiddeterminaw liema PSP jew IPSP għandu jiġi kklassifikat bħala li 'jonqos ripetutament'.

49. PSP jew IPSP jista' jiddeċiedi li jittratta PSP jew IPSP bħala li 'jonqos ripetutament' għal diversi raġunijiet, iżda għandu jqis kombinazzjoni ta' kriterji kwantitattivi u kwalitattivi biex tittieħed deċiżjoni infurmata.

50. Il-kriterji kwantitattivi għall-valutazzjoni dwar jekk PSP jew IPSP ikunx qiegħed jonqos ripetutament jew le jinkludu:

   a) il-perċentwal ta' trasferimenti b'informazzjoni nieqsa mibgħuta minn PSP jew minn IPSP speċifiku f'perjodu ta' żmien partikolari; u

b) il-perċentwal ta' talbiet ta' segwitu li ma ġewx imwieġba jew li ma ġewx imwieġba b'mod adegwat sa skadenza partikolari.

51. Il-kriterji kwalitattivi għall-valutazzjoni dwar jekk PSP jew IPSP ikunx qiegħed jonqos ripetutament jew le jinkludu:

    a) il-livell ta' kooperazzjoni tal-PSP jew tal-IPSP mitlub relatat ma' talbiet preċedenti għal informazzjoni nieqsa; u

    b) it-tip ta' informazzjoni nieqsa (ara, pereżempju, il-punt 30 e).

*Notifika lill-awtoritajiet*

52. Ladarba PSP jew IPSP ikun identifika PSP jew IPSP ieħor bħala li jkun naqas ripetutament milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa, f'konformità mal-Anness għal dawn il-linji gwida, notifika lill-awtoritajiet speċifikati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2015/847 għandha tinkludi:

    a) l-isem tal-PSP jew tal-IPSP identifikat bħala li naqas ripetutament milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa;

    b) il-pajjiż li fih huwa awtorizzat il-PSP jew l-IPSP;

    c) in-natura tal-ksur, inkluż:

        i) il-frekwenza ta' trasferimenti ta' fondi b'informazzjoni nieqsa,

        ii) il-perjodu ta' żmien li matulu ġie identifikat il-ksur u

        iii) kwalunkwe raġuni li l-PSP jew l-IPSP seta' ta biex jiġġustifika n-nuqqas ripetut tagħhom li jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa;

    d) dettalji tal-passi li ttieħdu mill-PSP jew mill-IPSP li jkun qed jirrapporta.

53. L-obbligu fit-tieni subparagrafu tal-punt (2) tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/847 japplika mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' rapportar ta' tranżazzjonijiet suspettużi skont l-Artikolu 33 tad-Direttiva (UE) 2015/849.

54. Meta l-PSPs u l-IPSPs jidentifikaw PSP jew IPSP li jkun naqas ripetutament għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet rilevanti mingħajr dewmien, u mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jidentifikaw il-PSP jew l-IPSP li jkun naqas ripetutament.

55. Dawn l-awtoritajiet imbagħad jinnotifikaw lill-ABE.

*Passi li għandhom jittieħdu*

56. Il-passi li l-PSP tal-benefiċjarju jew l-IPSP għandu jieħu fejn PSP jew IPSP ieħor jonqos ripetutament milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa mir-Regolament (UE) 2015/847

għandhom ikunu bbażati fuq ir-riskju u jistgħu jinkludu pass wieħed jew kombinazzjoni ta' passi minn dawn li ġejjin (għalkemm passi oħra huma possibbli):

a) tinħareġ twissija lill-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti biex tinforma lill-PSP jew lill-IPSP dwar il-passi li ser jiġu applikati jekk il-PSP ikompli jonqos milli jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa mir-Regolament (UE) 2015/847;

b) jitqies kif in-nuqqas ripetut mill-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti milli jipprovdi l-informazzjoni u l-attitudni ta' dak il-PSP biex iwieġeb għal tali talbiet jaffettwaw ir-riskju ta' ML/TF assoċjat ma' dak il-PSP, u fejn xieraq, isir monitoraġġ f'ħin reali tat-tranżazzjonijiet kollha mingħand dak il-PSP;

c) il-ħruġ ta' twissija oħra lill-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti li kwalunkwe trasferiment futur ta' fondi ser jiġi rrifjutat;

d) ir-restrizzjoni jew it-tmiem tar-relazzjoni ta' negozju mal-PSP li jkun naqas.

57. Qabel jieħu d-deċiżjoni li jtemm relazzjoni ta' negozju, b'mod partikolari fejn il-PSP preċedenti fil-katina tal-pagamenti jkun bank konvenut minn pajjiż terz, il-PSP jew l-IPSP għandu jqis jekk jistax jimmaniġġja jew le r-riskju b'modi oħra, inkluż permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri mtejba ta' diliġenza dovuta skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva (UE) 2015/849.

## KAPITOLU III: Obbligi addizzjonali għall-IPSP

58. L-IPSPs għandhom ikunu sodisfatti li s-sistemi u l-kontrolli tagħhom jippermettulhom jikkonformaw mad-dmir tagħhom li jiġi żgurat li l-informazzjoni kollha dwar il-pagatur u l-benefiċjarju li takkumpanja trasferiment ta' fondi tinżamm f'dak it-trasferiment. Bħala parti minn dan, l-IPSPs għandhom ikunu sodisfatti bil-kapaċità tas-sistema tagħhom li tikkonverti l-informazzjoni f'format differenti mingħajr żbalji jew ommissjonijiet.

59. L-IPSPs għandhom jużaw biss sistemi ta' pagament jew ta' messaġġi li jippermettu t-trasferiment ulterjuri tal-informazzjoni kollha dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju, irrispettivament minn jekk din l-informazzjoni hijiex meħtieġa jew le mir-Regolament (UE) 2015/847.[4] Fejn dan ma jkunx possibbli, pereżempju minħabba li sistema domestika ta' pagament tirrestrinġi d-data li tista' tiddaħħal f'dik is-sistema, l-IPSPs għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi alternattivi biex jgħaddu l-informazzjoni rilevanti lill-PSP tal-benefiċjarju. Dawn il-mekkaniżmi alternattivi għandhom jintużaw biss matul perjodu qasir ta' tranżizzjoni waqt li s-sistemi domestiċi jkunu qed jiġu aġġustati biex jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2015/847 u ma' dawn il-linji gwida.

[4] L-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2015/847.

## KAPITOLU IV: Obbligi addizzjonali għall-PSP tal-benefiċjarju

### Informazzjoni mhux kompluta

60. Il-PSPs tal-benefiċjarju għandhom isegwu l-gwida fil-Kapitolu II ta’ dawn il-linji gwida anke fir-rigward ta’ informazzjoni li ma tkunx kompluta.

### Verifika tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarju

61. Meta jivverifikaw l-eżattezza tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarju skont il-punti (3) u (4) tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2015/847, il-PSPs għandhom iqisu jekk ir-relazzjoni tagħhom mal-benefiċjarju tammontax għal relazzjoni ta’ negozju jew le kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849 u jekk dan ikun il-każ japplikaw miżuri ta’ diliġenza dovuta tal-klijent f’konformità mal-punt (1) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2015/849.

62. PSPs jistgħu jqisu li kkonformaw mar-rekwiżiti ta’ verifika fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2015/847 fejn ikunu vverifikaw minn qabel l-identità tal-benefiċjarju f’konformità mal-liġi nazzjonali li tittrasponi l-punt(1)(a) tal-Artikolu 13 u, fejn applikabbli, il-punt (1)(b) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva (UE) 2015/849 jew ma’ standard ekwivalenti, jekk l-identità tal-benefiċjarju tkun ġiet ivverifikata qabel tkun daħlet fis-seħħ il-leġiżlazzjoni li tittrasponi d-Direttiva (UE) 2015/849.

### Żamma ta’ rekords

63. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2015/847, il-PSPs għandhom iżommu rekords ta’ informazzjoni dwar il-pagatur u l-benefiċjarju li jirċievu skont l-Artikoli 4 sa 7 ta’ dak ir-Regolament.

64. Madankollu, fejn il-PSP ikun daħal f’relazzjoni ta’ negozju mal-benefiċjarju u t-trasferiment tal-fondi jseħħ fil-kuntest ta’ dik ir-relazzjoni kummerċjali, il-PSPs għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta’ żamma ta’ rekords fl-Artikolu 40 tad-Direttiva (UE) 2015/849.

# Titolu III — Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

65. L-awtoritajiet kompetenti u l-PSPs għandhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida sitt xhur mid-data tal-ħruġ tagħhom.

# Anness — Mudell ta' notifika

| **Notifika skont il-punt (2) tal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/847*** | |
|---|---|
| Isem tal-PSP/IPSP li jkun qiegħed jirrapporta | |
| Indirizz tal-PSP/IPSP li jkun qiegħed jirrapporta | |
| Data | |
| Isem tal-PSP/IPSP b'nuqqasijiet ripetuti | |
| Isem tal-pajjiż li fih huwa awtorizzat il-PSP jew l-IPSP b'nuqqasijiet ripetuti | |
| Deskrizzjoni qasira tan-natura tal-ksur u r-raġunijiet mogħtija mill-PSP/IPSP b'nuqqasijiet ripetuti, jekk ikun hemm, biex jiġġustifika dak il-ksur | |
| Sommarju qasir tal-passi li ttieħdu mill-PSP/IPSP li jkun qiegħed jirrapporta biex tinkiseb l-informazzjoni nieqsa. | |

*Għal aktar informazzjoni u gwida, jekk jogħġbok irreferi għal-'Linji gwida konġunti skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2015/847 dwar il-miżuri li l-fornituri ta' servizzi ta' pagament għandhom jieħdu biex tiġi skoperta informazzjoni nieqsa jew mhux kompluta dwar il-pagatur jew il-benefiċjarju, u l-proċeduri li għandhom jistabbilixxu biex jimmaniġġjaw trasferiment ta' fondi li ma jkollhomx l-informazzjoni meħtieġa' tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.